# IL-QAWSALLA

Kopja n. 3/06



**Pg.1** – *Ir-rikrejazzjoni;*

**Pg.2** – ***R**esidenza Vajrita;*

**Pg.3** – ***I**mġieba mhux appropjata;*

*<u>**M**ingħand il-Ħbieb tal-Aġenzija.</u>*

***T**here here are many ways in which we may give;*

***M**hux l-intenzjoni tiegħi li nqajjem xi kwistjoni taħraq;*

**Pg.4** – ***R**elazzjonijiet Intimi*

***D**rittijiet u Informazzjoni għall-ġenituri li jixtiequ jkunu*






**IR-RIKREJAZZJONI** hija importanti għal kulħadd, inklużi l-persuni b'diżabilitá. Bla dubju ta' xejn l-opportunitajiet ta' rikrejazzjoni għall-persuni b'diżabilitá hija limitata' aktar minn dawk ta' persuni li m'għandhomx diżabilitá, speċjalment għal dawk li għandhom problemi ta' mobilita (ma jimxux jew għandhom bżonn l-għajnuna biex jimxu). Ir-rikrejazzjoni tiġi b'hekk esperjenzata b'modi differenti minn nies differenti. Ir-rikrejazzjoni tagħtina l-opportunita' li ngħażlu x'nagħmlu, fejn immorru jew ma min noħorġu jew inqattgħu l-ħin tagħna, u kemm ser indumu. Barra minn hekk tagħtina wkoll l-opportunita' li niddeċiedu aħna mingħajr ma nħallu min jindaħlilna x'nagħmlu', opportunitajiet li nkunu liberi, nissoċjaliżżaw u ħin biex nagħżlu l-ħobbies favoriti tagħna. Ir-rikrejazzjoni tgħin lil persuni b'diżabilitá biex jindunaw u jgħarfu aktar l-identita' tagħhom permezz li jitqassmu l-ideat ma nies li muhmiex b'diżabilitá. Sfortunatament diversi persuni b'diżabilitá meta jkunu d-dar jispiċċaw ma jeħdux deċiżżjonijiet għalihom infushom. Meta persuni b'diżabilitá jipparteċipaw f'attivitajiet rikrejattivi fil-komunita' huma jkollhom opportunita' li jsemmgħu leħinhom, jitgħallmu kif għandhom jirrelataw ma ħaddieħor u jirrispondu għal dawk l-affarijiet li jgħidilhom ħaddieħor. Il-persuni b'diżabilitá jitgħallmu kif għandhom jikkomunikaw, kif għandhom jaġixxu waqt xi problema u kif jesprimu l-opinjoni tagħhom fi grupp. L- atmosfera waqt ħafna sitwazzjonijiet rikrejattivi u soċjali tgħin lil persuni b'diżabilitá biex jesprimu ruħhom mingħajr biżgħa li ser jiżbaljaw jew jaqgħu għaċ-ċajt. Meta persuni b'diżabilitá jipparteċipaw f'rikrejazzjoni, dawn ikunu inqas frustrati u jkollhom meta jkunu attivi fl-isport ikollhom opportunita li jkunu b'saħithom.

*Mariella Cardona - Clifford Portelli*

Created by Neevia docuPrinter trial version




***R*ESIDENZA VAJRITA** tinsab ġewwa Marsaskala, fi triq Nigel Denis. Qabel ma sar post residenzjali għal nies b'diżabilitá, dan il-post kien **1)** Hotel; **2)** Holiday Complex; **3)** uffiċini tal-Aġenzija **SAPPORT**. F'dan iż-żmien xi niex b'diżabilitá kienu diġa bdew jattendu dan il-post sabiex jitgħallmu '*life skills'*, u '*skills*' oħrajn. Fis-sena 2003, dan il-post ġie inawgurat bħala Residenza Vajrita, bi tnax il-flat '*fully furnished'*, u indipendenti minn xulxin, għal persuni b'diżabilitá. Bħalissa hemm seba' u għoxrin persuna b'diżabilitá jgħixu f'dawn il-flats u għandhom is-sapport ta' ħaddiema msejħa '*support workers*' erbgħa u għoxrin siegħa kuljum il-ġimgħa kollha. Il-flats qegħdin imqassmin fuq żewġ sulari li huma msejħi mill-ħaddiema tas-**SAPPORT** bħala Vajrita 1 u Vajrita 2. Il-post ħuwa aċċessibbli minn kullimkien. Ir-residenti għandhom ukoll aċċess għal *Adult Training Centre* (ATC) li jinsab fil-*groundfloor* tar-residenza, permezz ta' lift. Ir-residenti kollha jistgħu igawdu minn panorama tassew sabiħa fuq il-bajja ta' Wied il-Għajn, li tiġi fuq in-naħa ta' wara tal-post. Peress li r-residenza tinsab fil-qalba ta' Marsaskala, ir-residenti draw imorru jixtru mill-ħwienet li hemm qrib jew imorru xi mixja mall-bajja. Anke il-ġirien draw jagħtu daqqa t'għajn lir-residenti, speċjalment meta xi wieħed minnhom jinsa xi ħaġa.

*Mariella Cardona*



Created by Neevia docuPrinter trial version

**_I_MĠIEBA MHUX APPROPJATA** – L-imġieba mhux appropjata, jew aħjar, "*challenging behaviour*" tikkonsisti f'forom ta' aggressivita' (grif, ġlied bil-ponn, gdim, ġlied bis-sieq), "*self harm*" (tisbit tar-ras mal-ħajt, daqqiet bil-ponn fuq ġismek), tkissir ta' affarijiet u għajjat.

Tajjeb li wieħed jifhem li ħafna mill-każi, din it-tip ta' mġieba tintuża bħala mezz ta' komunikazzjoni minn nies li għandhom diffikultajiet li jikkomunikaw bil-mod 'normali'. Għalhekk li wieħed jipprova jifhem x'inhu l-messaġġ wara din it-tip ta' mġieba huwa intervent edukattiv u mhux biss biex titwaqqaf din l-imġieba. Dan huwa proċess li jrid iż-żmien tiegħu biex il-persuna li għandha l-imġieba diffiċli tkun tista tifhem kif għandha tbiddel l-imġieba.

F'sitwazzjoni ta' kriżi aħna nistgħu nużaw dak li ngħidulu '*non-violent crisis intervention*' – intervent mingħajr vjolenza – fejn f'sitwazzjoni ta' kriżi nipproteġu lil persuna milli tweġġa lilha nnifisha u milli tweġġa lil ħaddieħor. Dan jista jsir billi **a)** tinjora l-imġieba f'każ fejn il-persuna qegħda safe; **b)** tipproteġi lil persuna billi tneħħi l-affarijiet ta' madwarha li jistgħu iweġġgħuha; **c)** iżżomm lil persuna għal ftit f'posizzjoni li ma tweġġgħax, b'mod safe; **d)** tneħħi dawk kollha fil-periklu minn fejn din il-persuna.

Ħafna drabi l-imġieba mhux appropjata tkun diretta biex il-persuna **a)** taħrab minn xi sitwazzjoni skomda; **b)** tiġbed l-attenzjoni; **c)** takkwista xi ħaġa.

*Mariella Cardona*

**_M_INGĦAND IL-ĦBIEB TAL-AGENZIJA**

THERE ARE MANY WAYS IN WHICH WE MAY GIVE. WE MAY GIVE BECAUSE IT IS OUR DUTY TO COMPLY, OR BECAUSE WE CANNOT DO OTHERWISE, OR OUT OF CONTEMPT, OR TO MAKE A SHOW, OR FOR THE PLEASURE OF BEING THANKED, AND SO ON. BUT WE MAY ALSO GIVE AS A SIGN OF JOY AND PLEASURE, MOVED BY OUR CONCERN, CARE AND LOVE FOR OTHERS. MOST PROBABLY THIS BRINGS EVEN MORE GLADNESS TO THOSE WHO GIVE, RATHER THAN THOSE **WHO RECEIVE. AFTER ALL, GOD LOVES A CHEERFUL GIVER.**

***M*hux** l-intenzjoni tiegħi li nqajjem xi kwistjoni taħraq fuq is-suġġett tas-sesswalita' u anqas ma hi l-intenzjoni tiegħi li nqajjem xi panik fost il-carers u l-ġenituri li jaħsbu li qegħdin inħallu in-nies b'diżabilitá jiġu abbużati sesswalment. Pero' nista nitkellem f'isem l-Aġenzija **SAPPORT** meta ngħid li wieħed mill-iskopijiet prinċipali tal-Aġenzija ħuwa li nġħinu lil persuni b'diżabilitá jgħixu ħajja kompleta kemm jista jkun u dan billi nirrispettaw l-opinjonijiet u x-xewqat tagħhom anke f'dawk li huma għażliet fejn tidħol is-sesswalita tagħhom. L-Aġenzija tipproteġi lin-nies b'diżabilitá billi ittihom is-sapport li għandhom bżonn u tgħallimhom meta jkun il-każ u mhux li taħbi rasha taħt it-trab u tippretendi li n-nies b'diżabilitá m'għandhomx il-bżonnijiet tagħhom bħal kull persuna oħra. Meta tagħmel hekk l-Aġenzija tkun qegħda indirettament tipproteġi lin-nies b'diżabilitá milli jiġu abbużati sesswalment għax ikunu jafu meta għandhom jgħidu 'le' għall-attenzjoni mhux mixtieqa. Napprezza li dan huwa suġġett 'jaħraq'. Nistenna kummenti, suġġerimenti u kritika minn għandkom.

Created by Neevia docuPrinter trial version

**RELAZZJONIJIET INTIMI** Persuni b'diżabilitá għandu jkollhom id-dritt bħal kull persuna oħra li tidħol f'relazzjoni sentimentali má persuna oħra ta' l-għażla tagħha. Kulħadd għandu bżonn u dritt għall-imħabba. Is-sesswalitá' hija aspett importanti f'relazzjoni sentimentali iżda li tiġi xi ftit jew wisq injorata fejn jidħlu persuni b'diżabilitá. Persuna b'diżabilitá m'għandiex tiġi mċaħħda minn din l-esperjenza u wisq anqas m'għandha tiġi mċaħħda mill-informazzjoni fuq dan is-suġġett



**F'dan ir-rigward jistgħu isiru ħafna affarijiet, fosthom dawn li ġejjin:**



**a)** Edukazzjoni sesswali adewkwata u f'kull livell tal-ħajja;

**b)** Counselling personaliżżat u meta jkun hemm bżonn għall-individwu u il-carers tiegħu jew tagħha;

**c)** Social skills training fuq imġieba appropjata;

**d)** Link bejn skola, dar, dar residenzjali u sevizzi oħra utiliżżati mill-persuna b'diżabilitá;

**e)** Nipprovdu okkażżjonijiet fejn il-persuni b'diżabilitá ikunu jistgħu jissocjaliżżaw má persuni oħra fejn ikunu jistgħu jiffurmaw ħbiberiji;

**f)** Jinħoloq ambjent fejn persuni b'diżabilitá jigu trattati b'dinjitá u rispett. Fejn ikunu jistgħu jesprimu ruħom bil-libertá mingħajr ma jiġu abbużati f'dan ir-rigward.

*Mariella Cardona*

## Tolerance

Persons,
Feelings,
Emotions,

Respect,
Healing,
Devotion,

Choices,
Differences,
A Notion.

*Clifford Portelli*



**GĦALQU ŻMIENHOM FIX-XAHAR TA' ĠUNJU**
*Darren Douglas, Pauline Pisani, Daniel Saliba, Samantha Bigeja, Marlyn Muscat, Josianne Sammut, Marika Schembri, Urania Schembri.*

**GĦALQU ŻMIENHOM FIX-XAHAR TA' LULJU**
*Redent Attard,*

**GĦALQU ŻMIENHOM FIX-XAHAR TA' AWWISU**
*Marco Mifsud,*

Created by Neevia docuPrinter trial version